**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 2**

IT-TLIETA 23 TA' APRIL 2013 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Il-Minuti tas-Seduta 1 ittieħdu bħala moqrija . Dawn ġew approvati.

ii Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku M Zammit u mill-Agent Segretarju Eżekuttiv P. Pace.

## II KONFIRMA TAL-ĦATRA TAL-KUNSILLIER FRANK ROE

Il-Kunsillier Frank Roe ġie elett Kunsillier wara li saret il-*by election* tar-riżenja tal-Kunsilliera Antoinette Vassallo fejn wara ħa l-ġurament ta' ħatra ta' Kunsillier mingħand Dr Ian Micallef.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

Is-Sindku M Zammit rringrazzja l-Kunsill tax-xoghol siwi li għamel il-Kunsill l-ieħor fl-aħħar legislatura

Is-Sindku qara l-lista ta' affarrijiet li hemm bzonn li jinxtraw għall-ufficini tal-Kunsill**.** Il-Kunsilliera qablu li jinxtara kollox li hemm bżonn.(lista mehmuza).

Is-Sindku qara l-lista ta' Dekasteri kif inhuma mniżżlin hawn taħt:

**Kumitat tal-Finanzi u Aġġudikazzjoni tal-Offerti**

Hawnhekk ser jinħatar kumitat li fih importanti li jkun jinkludi kunsillier rappreżentant miż-żewg partiti politici rispettivi.

Responsabbli **s-Sindku** u s-**Segretarju Ezekuttiv**

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Agent Segretarju Eżekuttiv

**Qasam Ambjentali**

- Tindif ta toroq
- Tindif tax-xatt
- Manutenzjoni tal-ġonna ż-żgħar u tħawwil tal-pjanti
- Gbir ta' skart u skema ta' separazzjoni tal-iskart li tinkludi: Gbir ta skart organiku, ġbir ta skart separat, ġbir ta skart goff u Bring-in-sites.

Responsabbli il-Kunsillier **Eugenio Muscat** bis-sostitut tiegħu jkun il-Vici-Sindku **Ronnie Portelli**

**Qasam Infrastrutturali**

- Manutenzjoni ta' toroq u bankini
- Tindif tal-*culverts*
- Koordinazzjoni mal-*Water Services*
- Koordinazzjoni mad-Dipartiment tal-Infrastruttura

Responsabbli **s-Sindku** bis-sositut tieghu jkun il-Kunsillier **Frank Roe**

**Kumitat Kongunt ghall-Infurzar Lokali u Ordni Pubbliku**

Rapprezentant **is-Sindku** bis-sostitut ikun il-Kunsillier **Frank Roe**

**Qasam Komunitarju u Socjali**

- Ħidma biex ntejbu aktar il-ħajja tar-residenti
- Solidarjeta u għajnuna lill-anzjani u persuni bi bzonnijiet specjali
- Titjib fis-servizz tal-klinika
- Faċiltajiet għal 'Day Care Centre'

Responsabbli il-Viċi Sindku **Ronnie Portelli** bis-sostitut ikun il-Kunsillier **Frank Roe**

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Qasam tal-Kultura, Żgħazagh u Sports**

- Attivitajiet immirati lejn iż-żgħażagh, tfal u l-familja
- Attivitajiet sportivi u rikrejattivi
- Attivtajiet edukattivi, kulturali u socjali
- Kumitat Gieh Ta'Xbiex
- Attivitajiet Jum Ta'Xbiex

Responsabbli i**s-Sindku** bis-sostitut ikun il-Kunsillier **Anthony Cachia Castelletti**

**Qasam Immanigjar tat-traffiku u Sigurta fit-toroq**

- One Way System
- Manutenzjoni tas-sinjali u tabelli tat-traffiku
- Sinjali u tabelli tat-traffiku godda
- *Traffic calmers*
- *Zebra Crossing*
- Monitoring tal-iskema ta' parkegg limitat
- Manutenzjoni tad-dawl fuq brackets
- Ko-ordinazzjoni mal-Enemalta dwar dawl iehor

Responsabbli l-Kunsillier **Frank Roe** bis-sostitut ikun il-Kunsillier **Eugenio Muscat.**

**Bye Laws u MEPA**

- Vetting ta' applikazzjonijiet tal-MEPA għal żviluppi
- Follow up ta' kazijiet eżistenti tal-MEPA
- Attendenza ta' *hearings* tal-MEPA kif rikjest mill-Kunsill

Rersponsabbli il-Kunsillier **Frank Roe** u s-sostitut ikun il-Kunsillier **Eugenio Muscat**

**Qasam Relazzjonijiet Barranin**

- Gemellaggi
- Kordinament mal-Ambaxxati
- Programmi ta skambju

Responsabbli l-Kunsillier **Anthony Cachia Castelletti** assistit mis-**Sindku**

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Relazzjonijiet Pubblici**

- Bord Editorjali
- Ghaqdiet fil-lokal
- Hwienet kummercjali u turistici
  Responsabbli: s-**Sindku** u s-**Segretarju Ezekuttiv**

**Qasam Edukattiv**

- Librerija
- Informazzjoni Edukattiva ghar-Residenti
- Korsijiet edukattivi
- Sit Elettroniku

Responsabbli Il-Kunsillier **Anthony Cachia Castelletti** assistit mis-**Sindku**

**Qasam finanzjament ta' proggetti kapitali u koordinazzjoni mal-Ministeri, dipartimenti u entitajiet pubblici**

- Tisbih ta' *roundabouts*
- Progett tal-marina u ta' fuq ir-Rampa
- *Re-surfacing*
- Faciltajiet rikrejattivi ghat-tfal
- Kostruzzjoni mill-gdid ta bankini
- *Social Centre*
- Tisbih tal-ġonna ż-żghar
- Konfini tal-lokalita
- Progetti tal-Forti Sant Iermu u l-Port ta' Marsamxett
- Fondi Ewropej
- Progetti oħra

Responsabbli: **S-Sindku** u **s-Segretarju Ezekuttiv**

Is-Sindku tkellem rigward ix-xoghol tal-Kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħolijiet fi Triq Principessa Margerita u diskussa l-kuntratt tieghu.

Is-Sindku talab l-Agent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Pace biex hekk kif id-dipartiment tal-Kunsill Lokali joħroġ il-lista l-ġdida tal-pool tas-segretarji hu għandu jibda l-proċċess sabiex jinħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid fil-Kunsill ta' Ta' Xbiex.

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv

## IV KOMMUNIKAZJONI MILL-KUNSILLIERA

i. Il-Kunsillier Cachia Castelletti qal li jixtieq ikun jaf jekk il-pannelli li twaħħlu fuq Blokk E4 kienux ġew ikkomuniktai mill-grid ta' l-Arms sabiex b'hekk il-Kunsill jara jekk'x qed jiġi kreditati (mnsaqqsa l-kontijiet tad-dawl.)

ii Il-Kunsillier Frank Roe għamel referenza għall-meeting li kien għamel l-Onorevoli Joe Mizzi il-Ministru tat-Trasport u Infrastruttura ġewwa l-Kunsill ta' Ta' Xbiex fejn il-Ministru qal lil-Kunsill sabiex iħejji lista ta' bżonnijiet principali li għandhom bżonn il-kunsill bħala għajnuna mill-ministeru tiegħu. Gaħldaqtant il-Kunsillier F Roe ippropona li jsiru certi xogholijiet.

iii Il-Kunsilliera Eugenio Muscat flimkien mal-Kunsillier Cachia Castelletti issuġġerixxew li għandu jsir passaġġ fejn il-baħar biex persuni bi bżonnijiet specjali, ikunu jistghu jinżlu jgħumu.

## V APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

i Il-Kunsill approva l-pagamenti skond l-iskeda li ġiet iċċirkulata minn qabel lill-Kunsillieri, imam l-kunsill qabel li l-pagamenti tas-sur Sergio Schibberras.li ammonta għal ,26,100euros għandu jiġi mħallas wara li jkun hemm iċċertifikazzjoni li x-xogħol kien sar bil-valur li se jitħalla dan il-pagamenti għandu jitħallas wkoll.

ii Il-pagamenti ġew approvati unanimament fejn wara ġew iffirmati mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-sindku u żewġ kunsilliera Eugenio Muscat u Ronnie Portelli.

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv

## IV AFFARRIJIET OĦRA

i. Is-Segretarju Ezekuttiv Paul Pace tkellem fuq l-Awdituri li kienu ġew ġimgħa qabel.

ii. Is-Segretarju Eżekuttiv Paul Pace resaq korrespondenza rigward l-iskola EF Language School li riedu jużaw l-*area* ta' fejn il-Black Pearl ix-Xatt bħalha *meeting point* biex jinġabru l-istudenti minn hemm.  Il-Kunsilliera ma qablux ma din il-proposta u l-iskola EF Language School se tigi nfurmat minnufih.

iii. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace  qal li hekk kif il-Kunsill jirċievi l-allokazzjoni ikun jista jiprepara r-rapporti meħtieġa u kif wkoll il-Kunsill jista jagħżel ġurnata ħalli jsir il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita.

iv. Peress li kien għad-baqa xi jrid jiġi diskussi l-laqgħa ġiet aġġornata għat-13 ta' Mejju 2013 fil-5.30pm.  Din il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm.

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv